Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10610 — ARCHER DANIELS MIDLAND SINGAPORE / CLYDE INVESTMENTS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 102/10)

1. Fil-21 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Archer Daniels Midland Singapore Pte. Ltd ("ADM Singapore", Singapore), ikkontrollata minn Archer Daniels Midland Company ("ADM Group", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Clyde Investments ("Clyde Investments", Singapore) ikkontrollata minn Temasek Holdings (Private) Limited ("Temasek", Singapore),

— joint venture, JV (Singapore).

ADM Singapore u Clyde Investments jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-joint venture.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ADM Singapore hija attiva fis-setturi tal-ikel u n-nutrizzjoni fl-Asja. ADM Singapore hija parti mill-ADM Group li huwa attiv f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet inkluż l-ipproċessar ta' żrieragħ taż-żejt, qamħirrun, zokkor, qamħ u komoditajiet agrikoli oħra u fil-manifattura ta' żjut veġetali u ingredjenti oħra ta' ikel u għalf b'valur miżjud u addittivi fil-livell globali;

— Clyde Investments hija attiva fil-manifattura kuntrattwali ta' prodotti tal-proteini bbażati fuq il-pjanti fl-Asja. Hija sussidjarja ta' Temasek, kumpanija ta' investiment attiva fi spettru wiesa' ta' industriji fil-livell globali inklużi x-xjenzi tal-ħajja u agroalimentari;

— Il-JV li l-isem tagħha se jiġi miftiehem bejn ADM Singapore u Clyde Investments, hija impriża bi sħab b'funzjoni sħiħa f'żona ġdida li għandha tiġi stabbilita f'Singapore biex tipprovdi żvilupp ta' kuntratti u servizzi ta' organizzazzjoni tal-manifattura għal soluzzjoni ta' fermentazzjoni mikrobika u ingredjenti mikrobiċi għal applikazzjonijiet tal-ikel u servizzi ta' konsulenza relatati f'Singapore.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10610 — ARCHER DANIELS MIDLAND SINGAPORE / CLYDE INVESTMENTS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË